TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

Avviż Numru CCT 483/11

**Paul Abela u Margaret Abela**
**vs**
**Bond's Limited**

Illum 16 ta' Frar, 2012

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fit-18 ta' Novembru, 2011 fejn ir-rikorrenti talbu rifużjoni ta' elf ewro (€1000), rappreżentanti prezz ta' saqqu li wara li nxtara, sforma ruħu.

L-intimat ippreżenta risposta bil-miktub għal din it-talba u attenda għas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li huma l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda ġuramentata tas-soċjeta' intimata li huma rappreżentanti tas-soċjeta' intimata, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

It-Tribunal qed jinnota wkoll illi l-intimat issottometta kontro-talba, pero' l-mod ta' kif għamilha la hi valida u la hi legali.

It-Tribunal qed jikkonsidra li r-rikorrenti xtraw saqqu f'Jannar 2008 li jiswa elf u tmienja w erbgħin ewro (€1,048), u wara xi sena w nofs, is-saqqu li huwa magħmul minn żewġ saqqijiet fuq xulxin, wieħed beda jiżżerżaq u tilef il-bilanċ tas-saqqu.

Is-soċjeta' intimata kienet bidlet dan is-saqqu, pero' wara xi sena w nofs oħra, reġa' wkoll bl-istess problema. Is-soċjeta' intimata ssottomettiet illi tant biegħu saqqijiet illi tagħhom biss kienet il-problema u li għalhekk il-problema ġejja mill-użu.

It-Tribunal mhuwiex konvint b'dan l-argument, anzi jisħaq illi peress li ġrat darbtejn l-istess problema, qiegħed jagħti raġun lir-rikorrenti li s-saqqu għandu xi ħaġa ħażina.

Għalkemm is-soċjeta' intimata offriet illi terġa' tagħmel il-kolla bejn is-saqqijiet, din mhix aċċettabli għat-Tribunal stante li għandu garanzija ta' għaxar snin u t-Tribunal mhux konvint li din il-kolla ser iżżomm għall-bqija tal-garanzija.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jilqa' t-talba tar-rikorrenti in parte, u jordna lis-soċjeta' intimata tħallas is-somma ta' sitt mija u ħamsin ewro (€650), b'dan illi s-saqqu jiġi propjeta' tas-soċjeta' intimata wara li jsir il-ħlas, bl-ispejjeż kontra l-istess soċjeta' intimata.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**